MALTA

# QORTI KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta ta' l-20 ta' April, 2010

Numru 42/2007

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**Kevin Martin Lawrence Silvio Angelo Attard**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza numru 42 tas-sena 2007 kontra l-akkuzat Kevin Martin Lawrence Silvio Angelo Attard li bih huwa gie akkuzat talli:

1. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap illi fis-sitta w ghoxrin (26) ta' April tal-elfejn u tlieta (2003) Kevin Attard mar ghal habta tat- tlieta (3 am) ta' filghodu, l-Fuego nightclub go Paceville, San Giljan fejn is-security guards ma hallewhx jidhol. Illi l-istess Attard irreagixxa b'rabja w immedjatament intervjena PC430 Andrew St. John, li kien fuq xoghol bhala Pulizija, biex izommu, izda minflok Attard tah daqqa ta ponn u beda jiggieled. Attard ittiehed l-Ghassa San Giljan ghal investigazzjoni u sa dan it-tant kienu saru xit-tlieta w nofs ta' filghodu (3.30am). Illi Attard intalab joqghod bilqieghda minn PC463 Jonathan

Farrugia izda dan ried johrog barra. Illi PC463 Jonathan Farrugia beza' li Attard jahrablu w iddiregieh ghal go l-Ghassa. Illi fil-hin u l-waqt Kevin Attard hareg sikkina w ta daqqa f'zaqq PC 463 Jonathan Farrugia bil- hsieb li joqtlu jew iqghedlu hajtu f'periklu car. Illi fortunatament l- akkuzat ma irnexxilux fil-ghan tieghu peress din il-ferita ma ikkawzatx l-mewt.

Illi b'ghemilu l-imsemmi Kevin Attard sar hati ta' tentattiv ta' omicidju volontarju w cioe' talli dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew bil- hsieb li jqieghed il-hajja taghha f'periklu car, wera dana l-hsieb b'atti esterni w ta bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' tieghu.

Ghaldaqastant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill- imsemmi Kevin Attard hati ta' tentattiv ta' omicidju volontarju w cioe' talli dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew bil-hsieb li jqieghed il- hajja taghha f'perikolu car, wera dana l-hsieb b'atti esterni w ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' tieghu;

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundanat ghall- piena ta' prigunerija minn seba snin sa tletin sena skond dak li hemm u jintqal fl-artikolu 41(1)(a), 211(1)(2), 31 (1)(a)(b)(i)(ii) u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

2. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tieni Kap illi fiz-zmien u taht c- cirkostanzi indikati fl- Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza w cioe' Paceville fit-26 ta' April, 2003, ghall-habta tat-3 am., Kevin Attard sawwat lil PC430 Andrew St. John u volontarjament ikkagunalhu feriti hfief meta huwa mar jintervjeni biex izommu milli jidhol fl-istabbiliment Fuego go Paceville San Giljan.

Illi b'ghemilu l-imsemmi Kevin Attard sar hati ta' offiza hafifa volontarja fuq il-persuna w cioe' talli mighajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, volontarjament ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta'persuna ohra.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill- imsemmi Kevin Attard hati ta' offiza hafifa fuq il-persuna w cioe' talli minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, volontarjament ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' persuna ohra;

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundanat ghall-piena ta' prigunerija ta' mhux izjed minn tlett xhur, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 214, 215, 221 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

3. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tielet Kap illi fiz-zmien u taht c- cirkostanzi indikati fl- Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza w cioe' San Giljan fis-26 ta' April, 2003 Kevin Attard volontarjament ghamel hsara fuq l-uniformi w hwejjeg ta' PC 463 Jonathan Farrugia ghad-dannu tal- Gvern ta' Malta ta' aktar min hamsin liri(LM50).

Illi b'ghemilu l-imsemmi Kevin Attard sar hati talli volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, b'dan li l-ammont ta' hsara kien ta' aktar min hamsin liri izda taht il-hames mitt lira.

Ghaldaqastant l-Avukat Generali, fl-isem fuq imsemmi, akkuza lill- imsemmi Kevin Attard hati talli volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, b'dan illi l-ammont ta' hsara kien ta' aktar min hamsin liri izda taht hames mitt lira;

Talab li jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi ikkundannat ghal piena ta' prigunerija minn hames xhur sa sena skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 325(1)(b) u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

4. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fir-Raba' Kap illi, fiz-zmien u taht c-cirkostanzi indikati fl- Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza, w cioe' San Giljan, Kevin Attard kellu fil-pussess tieghu mus b'xafra w bil-ponta minghajr id-debita licenzja tal-Kummisarju tal-Pulizija. B'din l-arma hu pprova joqtol lill-PC463 Jonathan Farrugia.

Illi b'ghemilu l-imsemmi Kevin Attard sar hati talli, minghajr licenzja tal- Kummisarju tal-Pulizija, kellu f'idejh jew fuqu sikkina, ta' kull xorta li tkun, b'xafra bil-ponta jew strument iehor bil-ponta.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali, fl-isem fuq imsemmi, akkuza lill- imsemmi Kevin Attard hati talli, minghajr licenzja tal-Kummissarju tal- Pulizija, kellu f'idejh jew fuqu sikkina, ta' kull xorta li tkun, b'xafra bil-ponta jew strument iehor bil-ponta;

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundanat ghall-piena ta' multa ta' mhux izjed min hamsin lira jew prigunerija ta' mhux izjed minn tlett xhur, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 13(1) u 19 tal-Kap 66 u fl-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

5. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fil-Hames Kap, illi fiz-zmien u taht c-cirkostanzi indikati fl- Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza, w cioe' Paceville, San Giljan, fit-26 ta' April, 2003 ghall-habta tat-3 am., Kevin Attard sawwat lil PC430 Andrew St. John u volontarjament ikkagunalhu feriti hfief meta huwa mar jintervjeni biex izommu milli jidhol fl-istabbiliment Fuego go Paceville, San Giljan. Illi inoltre, ftit wara, Attard ipprova

joqtol lil PC 463 Jonathan Farrugia. Illi dawn l-ufficjali kienu qed jaqdu id-doveri taghhom bhala Pulizija inkarigati mill-ordni pubblika.

Illi b'ghemilu Kevin Attard sar hati talli attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li jkunu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi min awtorita kompetenti.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill- imsemmi Kevin Attard hati talli attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqies vjolenza pubblika kontra persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li jkunu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi minn awtorita kompetenti;

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundanat ghall-piena ta' prigunerija minn erba xhur sa sena skond l- artikoli 95, 96 u fl-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat il-verdett tal-gurati tal-lum li bih, b'seba' (7) voti favur u b'zewg (2) voti kontra sabu lill-akkuzat Kevin Martin Lawrence Silvio Angelo Attard mhux hati tal-ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza izda hati tar-reat kompriz u involut li, minghajr il-hsieb li joqtol lil P.C. Jonathan Farrugia, izda bil-hsieb li jikkagunalu ferita ta' natura gravi li tidhol f' wahda mill-kavitajiet tal-gisem , u dana b' arma regolari jew bi strument li jaqta' jew iniggez, wera dan il-hsieb b' atti esterni w ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonota' tieghu, u li bih unanimament sabuh ukoll hati tat-tieni, t-tielet, ir-raba' w l-hames Kapi tal-Att tal-Akkuza.

Tiddikjara ghalhekk lil Kevin Martin Lawrence Silvio Angelo Attard mhux hati ta' l-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza izda hati tar-reat kompriz u involut li, fis-26 t'April, 2003, ghall-habta tat-3.30 a.m. go l-Ghassa San Giljan, minghajr il-hsieb li joqtol lil P.C. Jonathan Farrugia, izda bil-hsieb li jikkagunalu ferita ta' natura gravi li tidhol f' wahda mill-kavitajiet tal-gisem , u dana b' arma regolari jew bi strument li jaqta' jew iniggez, wera dan il-hsieb b' atti esterni w ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonota' tieghu;

Tiddikjarah wkoll hati talli fl-istess data, f'Paceville, ghall-habta tat-3.00 a.m., ikkaguna offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' PC 430 Andrew St. John u dana skond it-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuza;

Tiddikjarah wkoll hati talli fl-istess data, fl-ghassa tal-Pulizija ta' San Giljan, ghall-habta ta' 3.30 a.m. volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli w cioe' l-uniformi li kien liebes PC Jonathan Farrugia ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta, hsara li tiswa aktar minn hamsin lira Maltin (€116.47) u mhux aktar minn hames mitt lira Maltin (€1164.69) u dana skond it-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuza;

Tiddikjarah ukoll hati talli fl-istess data, hin u post imsemmi fil-paragrafi precedenti kellu f'idejh jew fuqu sikkina ta' kull xorta li tkun b'xafra bil-ponta jew strument iehor bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, w dana skond ir-Raba' Kap tal-Att tal-Akkuza;

U finalment tiddikjarah hati talli fl-istess data w hinijiet, fejn l-istabbiliment Fuego go Paceville, San Giljan u gewwa l-Ghassa tal-Pulizija ta' San Giljan, attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi minn awtorita' kompetenti, w dana skond il-Hames Kap tal-Att tal-Akkuza.

Semghet ix-xhieda ta’ bint il-hati Charlise Attard.

Rat il-fedina penali aggornata tal-hati esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti w ezaminata mid-difiza.

Qieset is-sottomissjonijiet tal-abbli difensur **Dr. Jose’ Herrera**, li jinsabu kollha registrati w cioe’ :-

1. li l-Qorti tista’ f’dan il-kaz tapplika l-provvediment ta’ sentenza sospiza minflok wiehed ta’ prigunerija effettiva ghaliex il-hati ma kellu xejn fil-kondotta qabel dan l-incident;
2. li l-hati fi zmien ta’ l-incident kien ibati minn depression, tilef l-impjieg tieghu w beda jixrob u kellu problemi familjari ghax it-tifla tieghu harget tqila.

Ghalhekk talab li l-Qorti turi klemenza mal-hati.

Qieset is-sottomissjonijiet tal-abbli prosekutur **Dr. Lara Lanfranco**, li jinsabu registrati w cioe’ :-

1. li l-prosekuzzjoni ma kienet taqbel xejn mat-talba tad-difiza li tigi applikata sentenza sospiza meta wiehed iqies ic-cirkostanzi tal-kaz u li f’dan il-kaz gew feruti zewg ufficjali tal-Pulizija waqt li kienu qeghdin jaqdu d-dover taghhom;
2. il-fatt illi kien ibati mind-depression zgur li ma kienx jiskuzah ghal dak li ghamel. Barra minn hekk jirrizulta mill-fedina penali tal-hati li sentejn u nofs wara rega rrepeta incident simili w b’sentenza tas-26 ta’ Jannar, 2006, kien instab hati ta’ sekwestru tal-persuna, tentattiv ta’ offiza gravi fuqha li garr arma li taqta’ w bil-ponta waqt li qed jaghmel l-imsemmi delitt minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, li hedded persuna, li kiser il-mistrieh tan-nies, qal kliem oxxen, m’obdiex l-ordnijiet legittimi ta’ persuna nkarigata minn servizz pubbliku, hedded bil-gebel jew hwejjeg ohra iebsin u hebb ghaliha w dagha fil-pubbliku w gie kkundannat sena prigunerija sospiza ghal tlett snin.

Ghalhekk il-prosekuzzjoni kienet qed tinsisti ghall-piena karcerarja effettiva w li l-Qrati ghandhom jaghtu messagg

car lis-socjeta' li dawn it-tipi ta' reati kontra ufficjali tal-korp tal-Pulizija jigu kastigati severament.

Ikkonsidrat;

Li r-reat ta' danni volontarji taht it-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuza, ghall-fini tal-piena, ghandu jigi assorbit fir-reat li tieghu instab hati l-akkuzat ta' tentattiv ta' ferita gravi b'arma, peress li bejn dawn iz-zewg reati hemm il-konkors formali jew ideali w r-reat ta' offiza hafifa fuq Pulizija taht it-Tieni Kap huwa wkoll, ghall-fini tal-piena, assorbit fir-reat ta' attakk u resistenza taht il-Hames Kap tal-Att tal-Akkuza ghall-istess raguni w anki ghaliex serva bhala mezz biex seta' jigi kommess dan l-ahhar reat.

Ghalhekk il-piena massima komplessiva erogabbli ghall-konkors tar-reati b'dawn l-assorbimenti hija ta' tlett snin, seba' xhur u gimghatejn prigunerija.

Ghalkemm huwa minnu li l-hati kien incensurat qabel ma kkommetta dawn id-delitti li taghhom qed jinstab hati llum u ghalkemm jista' jkun li kien qed isofri minn dipressjoni ghal diversi ragunijiet, dana xorta wahda ma jezonerahx milli jaggixxi kif agixxa w jizvoga r-rabja jew frustrazzjoni tieghu fuq membri tal-korp tal-Pulizija kif huwa ghamel.

Kif gie ritenut ripetutament minn din il-Qorti (ara **r-Repubblika ta' Malta vs Godwin Vella, Keith Caruana et. [16.11.2004]** u ohrajn) u mill-Qorti tal-Appelli Kriminali, (sede inferjuri), **"Il-Pulizija vs Roderick Farrugia" [26.04.2007]** u **"Il-Pulizija vs Anthony Formston" [30.04.2009]** u **"Il-Pulizija vs Alfio Attard" [31.07.2008]** fejn gie ritenut testwalment :- li

*"dan ir-reat ghandu jigi trattat bis-serjeta' u bil-gravita' li jimmerita ghax il-membri tal-Korp tal-Pulizija mhux qeghdin hemm biex iservu ta' "punching bag" ghal kull min hu frustrat u ma jridx jigi migjub ghall-ordni minn min ghandu d-dover li jipprotegi l-ordni pubbliku".*

Il-Qrati ghalhekk ghandhom jiehdu veduta serjissima ta' reati ta' vjolenza kommessi kontra membri tal-korp tal-Pulizija waqt li jkunu qed jesegwixxu d-dmirijiet taghhom.

Il-membri tal-Korp m'ghandhomx iservu ta' "punching bag" ghall-persuni li jkunu frustrati, rrabjati, taht l-influwenza tax-xorb jew influwenzi ohra, ghaliex huma jkunu qeghdin hafna drabi jirriskjaw l-inkolumita' taghhom jekk mhux ukoll hajjiethom fil-qadi tad-dmirijiet taghhom.

F'dan il-kaz partikolari mbaghad, il-hati, waqt li kien bil-liberta' provvizorja, rega' kkommetta reat ta' tentattiv ta' ferita gravi kif qed jinstab hati tieghu llum u jidher li ma tghallem xejn mill-fatt li dak iz-zmien kienet ghada miexja din il-kawza kontra tieghu w rega' rrepeta incident simili ferm ghal dak odjern u anki kien ukoll m'obdiex l-ordni legittima ta' persuna nkarigata minn servizz pubbliku.

Ghalhekk fic-cirkostanzi din il-Qorti tara li l-gravita' tar-reati kommessi mill-hati ghandhom jigu puniti b'piena karcerarja effettiva vicin il-massimu.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17(b)(h), 23(1)(2)(3), 31(1)(b)(vii)(viii)(ix), 41(1)(a), 96, 214, 216(c), 217, 221, 325(1)(b) tal-Kodici Kriminali u l-artikoli 13(1) u 19 tal-Kap. 66, tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-hati Kevin Martin Lawrence Silvio Angelo Attard ghall-piena komplessiva ta' tlett snin u sitt xhur prigunerija w tordna l-konfiska tal-mus esebit dokument MS1 bhala konsegwenza tal-piena li qed tinghata taht ir-Raba' Kap.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------